MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 73/2009/1

**Audrey Ferriggi**

**vs**

**Jefrin Grech**

**Il-Qorti,**

Fis-7 ta' Lulju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat it-2 ta' Marzu tas-sena 2009 li permezz tieghu r-rikorrenti Audrey Ferriggi sejhet lill-intimat Jefrin Grech quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas is-somma ta’ sitt elef hames mija u tnejn u ghoxrin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6,522.25) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti hlas ta’ manteniment dovut mill-intimat lir-rikorrenti ghat-tlett (3) ulied minuri tal-partijiet u dan, ai termini ta’ Digriet datat 3 t’Ottubru tas-sena 2006 moghti mill-Onorabbli Qorti Civili, (Sezzjoni tal-Familja), fl-atti tal-kawza fl-istess ismijiet bin-numru ta’ referenza 403/04 NC, u dan bir-rata ta’ erba’ mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) fix-xahar ghall-perjodu bejn Dicembru 2007 sa Frar 2009;

2. Bl-ispejjez kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni, u tal-imghax legali mid-data tal-prezenti;

Tirrilleva li nonostante debitament notifikat l-intimat baqa’ kontumaci u mhux biss, izda li ghalkemm giet rizervata udjenza appozita biex ikun xorta wahda jista’ jressaq il-versjoni tieghu, baqa’ ma deherx;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-partijiet involuti f’din il-procedura kellhom relazzjoni sentimentali li minnha ggeneraw tlett (3) itfal;

2. Illi permezz ta’ sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata t-3 t’Ottubru tas-sena 2006, l-intimat Grech kien gie ordnat biex ihallas il-manteniment ta’ mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0) ekwivalenti ghall-erba’ mija u hamsa u sittin Ewro

u tmienja u tmenin centezmu (€465.88), fix-xahar lill-imsemmija rikorrenti;

3. Illi l-intimat ghamel zmien ihallas l-imsemmija retta alimentari pero' mit-22 ta' Dicembru tas-sena 2007 interrompa dan il-pagament mensili minnu dovut;

4. Illi di piu`, jidher li kellu wkoll l-ardir jinforma lir-rikorrenti li ma riedx ihallas il-manteniment kurjalment fuqu impost ghaliex isostni li ma jibza' minn hadd;

5. Illi l-posizzjoni tar-rikorrenti ma nbidlitx mid-data li kienet kostretta tipprocedi b'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-fatt li l-versjoni tar-rikorrenti ma gietx kontradetta nonostante l-opportunitajiet li l-intimat kellu biex jikkonfutaha - kemm wara d-debita notifika tar-rikors promtour, kif ukoll wara li nghata l-possibilita' li jipproduci x-xhieda fir-rigward - dan ma jhalli l-ebda dubju lil din il-qorti li hi allura obbligata tistrieh kompletament fuq il-provi sottomessi quddiemha, u allura, tqis li r-rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi;

Ghaldaqstant din il-qorti, talkkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-intimat Jefrin Grech ghandu jaghti s-somma ta' sitt elef hames mija tnejn u ghoxrin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€6,522.25) lir-rikorrenti Audrey Ferriggi ;

2. Tikkundanna lill-imsemmi intimat Grech biex ihallas is-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti lill-imsemmija rikorrenti Ferriggi;

3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur.**"**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-ilment illi huwa safa kontumaci fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti ghaliex in-notifikazzjoni lilu tar-rikors promotur saret f'indirizz zbaljat. Difatti huwa jissottometti illi gie notifikat fl-indirizz 77 Flat 1 Santa Lucia Street, Valletta fejn jirrisjedi huh Jesmond Grech filwaqt li hu jirrisjedi ma' ommu fil-fond 112 Flat 2 St. Joseph Street, Valletta;

Ma jidherx li hemm ghalfejn jinghad illi konvenut li jibqa' kontumaci quddiem qorti ta' prim'istanza ghandu dritt jappella (ara "**Marianna Cini *proprio et nomine* -vs- Paolo Galea *et***", Appell Civili, 27 ta' Ottubru, 1958). Ugwalment, pero`, lanqas hemm ghalfejn jinghad illi ghall-purgazzjoni ta' l-istat kontumacjali tieghu huwa jehtieglu jadduci kawza gusta. Ara b'esposizzjoni tal-principju s-sentenza klassika fl-ismijiet "**Vittorio Cassar -vs- Carmelo Vassallo**", Appell Inferjuri, 29 ta' Mejju, 1937;

Bla ebda ombra ta' dubju ghac-cirkostanza avvanzata mill-appellanti ma tikkonkorrix din il-kawza gusta;

L-atti juru fuq il-bazi tal-*pink card* esebita a fol. 4 tal-process illi l-appellanti gie effettivament notifikat bl-att promotur fl-istess indirizz li skond id-dikjarazzjoni promossa bl-aggravju ri-konfermata bix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti hu dak fejn hu effettivament jirrisjedi ma' ommu, u cjoe 112/2 St. Joseph Street, Valletta. Huwa veru li l-*pink card* hi ffirmata minn huh Jesmond Grech izda dan ma jinficjax in-notifikazzjoni maghmula una volta din saret kif kellu jkun skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artikolu 187 (1) tal-Kapitolu 12;

Una volta dan hu hekk l-appell ma jistax hlief jitqies ghal kollox fieragh u vessatorju u dan ghandu jattira lejh id-dispost ta’ l-Artikolu 223 (4) tal-Kodici ta’ Procedura.

Ghal motivi predetti l-Qorti qed tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 223 (4) tal-Kapitolu 12 tikkundanna lill-appellanti jhallas l-ispejjez ta’ dan l-appell ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------